Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, it-22 t'Ottubru 2020

**Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Kyle Borg**
**(81701L)**

**Kumpilazzjoni numru: 434/2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba fil-konfront ta' Kyle Borg, ta' 18 il-sena iben Clint u Charlotte xebba Gatt, residenti 18, Triq Santa Liena, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identità 81701L, imwieled Pieta' nhar il-17/02/2001.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Gunju 2019, quddiem il-Knisja, fil-Pjazza ta' Santa Liena, Birkirkara, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew jqieghed il-hajja ta' Imran Khan u/jew persuni ohra f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Imran Khan u/jew persuni ohra hekk kif gie iccertifikat minn Dr. D Tonna M.D. Reg No. 6024 u Dr. T Agius M.D. Reg No. 1919, u dan ai termini tal-Art. 216 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-vittma skond it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda ta' l-iSpettur Roderick Spiteri[1], u l-*parte civile* Imran Khan[2] fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2019 u lil Probation Officer Marilyn Attard fis-seduta ta' l-24 t'Ottubru 2019[3] u fis-16 ta' Jannar 2020[4].

Illi rat illi l-imputat irregistra ammisjoni fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2019 .

Rat il-Pre-Sentencing Report[5] mmarkat MA1.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

---

[1] *a fol. 30 et seq.*
[2] *a fol. 34 et seq.*
[3] *a fol. 45 et seq.*
[4] *a fol. 47a et seq.*
[5] *a fol. 48 et seq.*

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reat li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali ta' l-imputat, ta' l-ammissjoni tieghu u taċ-ċirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Illi l-Uffiċjal Prosekutur tenna li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija, u li l-Prosekuzzjoni ma kienitx qegħda tinsisti għal piena karċerarja f'dan il-kaz.

Illi minn naħa tagħha d-Difiża aderiet mas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni filwaqt li sahhqet li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri, kif ukoll li l-imputat kellu fedina penali nadifa. Id-Difiża sahhqet, li f'dan il-każ m'huwiex opportun li l-imputat jiġi mogħti piena karċerarja effettiva, u jkun aktar idoneju illi fic-cirkostanzi l-imputat jittpogga taht Probation Order, liema suggeriment anke l-Prosekuzzjoni iddikjarat li qed taqbel mieghu.

## <u>Decide</u>

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7 u 216(1)(b)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Kyle Borg **hati** tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 15A** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bhala kumpens għal dak it-telf li sofra Imran Khan, vittma t'offiza gravi kkawzata mill-imputat, tordna lill-imputat Kyle Borg jikkumpensa lil Imran Khan fl-ammont **t'elfejn Ewro (€2,000).** Din l-ordni ghandha l-

istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-imputat Kyle Borg bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati Kyle Borg taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja, kif ukoll rigward d-dipendenza tieghu fuq il-kannabis, u ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Kyle Borg. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

In oltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lill-hati **Kyle Borg** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum, ghall-protezzjoni ta' **Imran Khan**. Il-Qorti fissret lill-imputat Kyle Borg bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile, **Imran Khan ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Kyle Borg** b'garanzija

personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile **Imran Khan.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew l-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3)** millum.

Magistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D. Adv Trib. Eccles Melit

Illi fil-kaz odjern ma gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ORDNI TA' PROTEZZJONI**
*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**ILLUM 22 t' Ottubru 2020**

**PULIZIJA**

**Vs**

**Kyle Borg**
**(81701L)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors/ Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ (4) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat **Kyle Borg** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 81701L taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat/a milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Imran Khan.**

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat/ għal perjodu ta' **tlett (3) snin** ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta **Imran Khan** kif wkoll jekk l-akkużat/a ikollu/a xi interess legali f'dak il-fond.

c) Tipprojbixxi lill-akkużat/a milli j/tikkuntattja jew j/timmolesta lil **Imran Khan.**

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **tlett (3) snin** millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat/a j/tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu/a jista' jekk j/tinstab ħati/a jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma.

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D. Adv. Trib Eccles. Melit.

Maġistrat

Kyle .B.

Akkużat

KRIM 30.2011

Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ORDNI TA' PROBATION**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-22 t'Ottubru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Versus**

**Kyle Borg**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Kyle Borg detentur tal-karta tal-identita' numru 81701L, ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation, u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin millum,** ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni.

Wara illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Għalhekk tordna li l-ħati Kyle Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 81701L, ikun għal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-Uffiċjal tal-Probation maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

3. Il-ħati għandu javvża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation, intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi psikologici tieghu u ta' dipendenza fuq il-kannabis.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kyle B.

(Firma tal-Persuna suggetta ghal Ordni ta' Probation)

Maġistrat
Dr Astrid-May Grima
B.A., LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

Deputat Registratur

Magistrat

Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ORDNI TA' TRATTAMENT**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 412 D TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum it-22 t'Ottubru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Versus**

**Kyle Borg**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Kyle Borg detentur tal-karta tal-identita' numru 81701L, ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament, u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Trattament (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin** millum, ikun jista' jiġi kkundannat ghal hlas ta' ammenda ta' mhux izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disa' u sittin centezmu (€1,164.69).

Wara illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament.

Għalhekk tordna li l-ħati Kyle Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 81701L ikun għal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li dan l-Ordni ta' Trattament ghandu jsir fil-post/ijiet specifikati mill-professjonisti u terapisti li ser ikunu qed jiehdu hsieb it-trattament moghti lil hati sabiex jindirizzaw il-problemi psikologici tieghu u ta' dipendenza fuq il-kannabis.

2. Illi matul il-perjodu ta' trattament, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-Uffiċjal tal-Probation maħtur lilu.

3. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

4. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

5. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

6. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva ta' l-Uffiċjal tal-Probation intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi psikologici tieghu u ta' dipendenza fuq il-kannabis.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole.

Jekk il-hati jonqos milli jaderixxi ma' dawn il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta' dan l-Ordni ta' Trattament, l-Ufficjal tal-Probation ghandu jirraporta dan minnufih lil din il-Qorti.

.......................................................

(Firma tal-Persuna suggetta ghal Ordni ta' Trattament)

Magistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.

.......................................................

Deputat Registratur

.......................................................

Magistrat

Kump/Prel. Investigation No__________

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
*COURT OF MAGISTRATES (MALTA)*

**Garanzija Personali maghmula mill-persuna Imputata/Akkuzata**
*Recognizance entered into by the Person Charged/Accused*

**JIENA, hawn taht iffirmat, ghal dak kollu li jghid u jrid l-artikolu 579 tal-Kodici**
*I, the undersigned, for all intents and purposes of Section 579 of the Criminal Code*

**Kriminali u d-digriet ta' din il-Qorti ta'** ........22/10/2020........
*and the decree of this Court dated*

**nobbliga ruhi li jekk nikser wahda jew aktar minn wahda mill-obbligazzjonijiet imsemmija**
*bind myself that if I fail to honour one or more than one of the obligations mentioned in the said*

**fl-imsemmi digriet u/jew fl-artikolu fuq citat, inhallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta':**
*decree and/or the above-mentioned section, to pay the Government of Malta the sum of:*

........€2,000 (elfejn euro)........

**u ghal dan naghmel tajjeb bil-garanzija ta'** ........personali........
*and for this purpose I produce as surety*

**Illum,**........22/10/2020........
*Today,*

........[signature]........
**Firma tal-persuna Imputata/Akkuzata**
*Signature of Person Charged/Accused*

........817011L........
**Nru. tal-Karta ta' l-Identita'/Passaport**
*I.D. Card Number/Passport*

**Moghtija u ffirmata quddiemi**
*Given and signed before me*

**D./Registratur**
*D./Registrar*

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit.

**Magistrat**
*Magistrate*

KRIM/02/11